MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Numru 1048/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**vs**
**Tonio Caruana**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Tonio Caruana** ta’ 27 sena, bin Joseph u Domenica nee’ Vella, mwieled Attard fil-11 ta’ Dicembru, 1978, residenti f’ ‘St.Joseph Farm’, Triq il-Gudja, Tarxien u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 579278(M).

Talli f’dawn il-Gzejjer fil-11 ta’ Mejju, 2006 ghall-habta tal-11.30am u/jew wara din id-data, xjentement, ilqajtu ghandkom jew xtrajtu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat u cioe’ telefon cellulari tal-marka Motorola V3, li jiswa minn mitt lira izda inqas minn elf lira,

jew, xjentement, b'kull mod li jkun, ndhaltu biex tbieghhuh jew tmexxuh.
Rat il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u decuz bil-procedura sommarja, u semghet in-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u stante ammissjoni, l-akkuza tirrizulta pruvata;

Rat l-art. 534 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------